***- KONKORRENZA ZLEALI -***

***- ARTIKOLU 32, 37 KAP 13 -***

**- ART. 70 TAL-ATT XXV TAL-1995 -**

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Marzu, 2001**

**Kawza Numru: 13**
**Citazzjoni Numru: 1551/98/RCP**

**Road Servicing Ltd**

**vs**

**General Road Services Ltd**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' attrici ilha zmien topera fis-suq lokali principalment bhala kuntrattur ghall-bini ta' toroq u servizzi ancillari ghall-istess;

Illi s-socjeta' attrici bin-numru tar-registrazzjoni taghha C14802 kienet irregistrata mar-Registratur tal-kumpanija fit-8 ta' Marzu 1993, bl-isem "Road Servicing Limited";

Illi s-socjeta' konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni taghha C17588 u bl-isem "General Road Services Ltd" kienet irregistrata mar-Registratur tal-kumpaniji ferm wara li kienet giet irregistrata is-socjeta' attrici;

Illi s-socjeta' konvenuta topera fis-suq lokali ukoll u taghmel l-istess generu ta' xoghol bhal ma tipprovdi s-socjeta' attrici, kif fuq spjegat;

Illi l-isem tas-socjeta' konvenuta qed jikkreja *konfuzzjoni* mal-isem tas-socjeta' attrici, inkluz meta jkun hemm sejha ghall-offerti ghal xoghol fuq toroq;

Illi tali *konfuzzjoni* tikkostitwixxi konkorrenza zleali da parti tas-socjeta' konvenuta fil-konfront tas-socjeta' attrici a termini tal-Artikolu 32 tal-kodici tal-Kummerc;

Illi s-socjeta' konvenuta kienet interpellata sabiex tiehu l-passi kollha necessarji biex tbiddel l-isem li bih topera, izda baqghet inadempjenti.

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-isem li bih topera s-socjeta’ konvenuta u cioe` “General Road Services Ltd” jikkostitwixxi ghar-ragunijiet premessi konkorrenza zleali ghat-tenur tal-**artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc;**

2. Tinibixxi lis-socjeta’ konvenuta milli topera aktar bl-isem “General Road Services Ltd”;

3. Tikkundanna u tordna lis-socjeta’ konvenuta biex taghmel dak kollu necessarju sabiex fi zmien qasir u perentorju tibdel l-isem li bih topera u li qed jikkawza konkorrenza zleali fil-konfront tas-socjeta’ attrici;

4. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici in linea ta’ penali is-somma ta’ hames mitt lira Maltija (Lm500), jew ammont verjuri li jigi stabbilit minn dina l-Qorti ghas-saldu ta’ kull pretenzjoni tas-socjeta’ attrici ghad-dannu kontra s-socjeta’ konvenuta minhabba din il-konkorrenza zleali.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ protest gudizzjarju bl-interessi, kontra s-socjeta’ konvenuta mill-lum ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta a fol 8 tal-process fejn gie ecceppit:

(1) Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li l-isem tas-socjeta konvenuta ma jikkreja l-ebda *konfuzzjoni* mal-isem tas-socjeta` attrici.

(2) Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta a fol 8 tal-process.

Rat il-verbal tal-11 ta' Frar 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Paul Farrugia biex jisma l-provi tal-kaz, bil-fakolta lill-partijiet li jipprezentaw ix-xhieda taghhom bil-procedura tal-affidavit. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghad-9 ta' Gunju 1999.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Paul Farrugia.

Rat il-verbali tas-seduti tad-9 ta' Gunju 1999 u ta' l-4 ta' Novembru 1999 fejn f'din is-seduta Dr Tanti Dougal informa l-Qorti li x-xhieda tas-socjeta` attrici gew konkluzi. Il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u l-kawza giet differita ghall-provi tas-socjeta konvenuta ghas-7 ta' Dicembru 1999.

Rat il-verbali tas-seduti tas-7 ta' Dicembru 1999, tas-17 ta' Frar 2000, tas-6 ta' April 2000 u tal-14 ta' Gunju 2000, ta' l-1 ta' Novembru 2000 u tal-10 ta' Jannar 2001 fejn xehdet Roberta Farrugia. Dr Kenneth Grima ghas-socjeta konvenuta ddikjara li m'ghandux provi aktar. Id-difensuri trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Marzu 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi s-socjeta' attrici istitwiet din il-kawza stante li qed issostni li s-socjeta' konvenuta qed tikkawza konkorrenza zleali billi qed tuza' l-isem ta' *"General Road Servicing Limited"* bhala l-isem taghha, ghall-istess generu ta' xoghol ta' toroq bhal ma taghmel is-socjeta' attrici, li kellha minn dejjem u qabel ir-registrazzjoni tas-socjeta' konvenuta, l-isem ta' *"Road Services Limited".*

Illi mill-provi attrici prodotti jirrizulta li xehed **Andrew Cassar**, General Manager tas-socjeta' attrici, li sostna li z-zewg socjetajiet jahdmu fl-istess qasam ta' xoghol konsistenti f'kuntratturi ghall-bini ta' toroq u servizzi

ancillari ghall-istess, inkluzi asfaltar, trinek, bankini u konessjonijiet fl-istess toroq ta' dawl u ilma.

Illi minhabba din l-allegata similjanza fl-istess ismijiet, is-socjeta' attrici qed issofri minn konfuzzjoni li nholqot fis-suq minhabba tali isem, fosthom li jircievu kontijiet tas-socjeta' l-ohra, u li kien hemm konfuzzjoni bejn l-istess socjetajiet meta dawn issottomettew *tender* ghall-xogholijiet, apparti li kemm il-darba gew ikkuntattjati huma, meta in effetti l-kuntatt kien rejalment intenzjonat li jsir mas-socjeta' konvenuta.

Illi dan kollu gie kkonfermat minn **Emanuel Vella**, Managing Director tas-socjeta' attrici, li esebixxa d-dokumenti "EV 1" sa "EV 8" li jikkonsistu f'kontijiet mis-socjetajiet Zrar Limited, Maltacom plc. u wkoll estratt tal-gazzetta *"Kull Hadd"* tat-3 ta' Awissu 1997 dwar tender li inghad li inghata lis-socjeta' konvenuta, u in kontro-ezami sostna li kienu ilhom jircievu dawn il-kontijiet zmien twil, pero' waqfu xi sitt xhur qabel ma xehed fl-4 ta' Mejju 1999, u dan wara li avzaw lill-kljienti taghhom u lid-dipertimenti governattivi.

Illi sostna li hemm kumpanija ohra *"Road Group Limited",* pero' ma din qatt ma kien hemm konfuzzjoni; danni fi flus ma soffrewx pero' minhabba l-isem kien hemm diversi disgwidi fosthom meta inghatat *tender* lis-socjeta' konvenuta, u hafna hassbu li kienet is-socjeta' attrici li hadet it-tender u fil-fatt kellhom igibu avviz fil-gazzetta

dwar dan; l-indirizz tas-socjeta' attrici huwa Triq il-Hwawar, limiti Naxxar, u qabel kien c/o Blokrete, Mosta Road, Lija, u l-indirizz tas-socjeta' konvenuta huwa Hal-Far Road, Hal-Far. L-indirizz li ntuza fl-*invoice* ta' Zrar Limited kien tax-xhud. Zbalji ta' dan it-tip saru diversi, pero' qabel ma kellmu lill-avukat kienu sempliciment jibghatu l-kontijiet lura.

Illi in sostenn tal-allegazzjonijiet taghha l-istess socjeta' attrici esebit permezz ta' Nota datata 10 ta' Jannar 2001 korrispondenza li ghaddiet mas-socjeta' Maltacom plc a fol. 47 sa fol. 49 tal-process, korrispondenza dwar xogholijiet maghmula Marsascala mal-Kunsill Lokali tal-Lokal minn fol. 50 sa fol. 52, u korrispondenza mibghuta mill-Ministeru tat-Trasport u Kommunikazzjoni li jirreferi ghall-isem tas-socjeta' attrici, meta ried jirreferi ghall-isem tas-socjeta' konvenuta, stante li kienet din tal-ahhar li kienet involuta fix-xogholijiet hemm indikati, w il-*Memorandum u Articles of Association* tas-socjeta' *"Road Group Limited".*

Illi min-naha l-ohra xehdet **Roberta Farrugia**, bint Frank Schembri, direttur tas-socjeta' konvenuta, li fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2001, sostniet li kienet tahdem fid-dipartiment tal-amministrazzjoni tal-istess socjeta' u skond hija l-istess ismijiet qatt ma ikkawzaw ebda konfuzzjoni lis-socjeta' konvenuta fiz-zmien li din ilha topera, ghalkemm xi tlett snin qabel is-socjeta' attrici kienet ghamlet oggezzjoni ghall-uzu tal-istess isem peress li ppretendiet li dan johloq konfuzzjoni mal-isem tas-socjeta' taghhom. Qatt ma

irceviet karti tas-socjeta' attrici bi zball, stante li sostniet li l-isem u l-indirizzi huma differenti. Ikkonfermat li s-socjeta' attrici giet registrata qabel is-socjeta' konvenuta. Sostniet ukoll li l-istess socjeta' kienet applikat mill-ewwel li ssir membru tar-Roads Group, u wara li sar dan applikat ghas-sejhiet bl-offerti biss tramite l-istess Roads Group, u qabel ma saret membru tal-istess Roads Group, s-socjeta konvenuta darba biss applikat taht isimha flimkien ma zewg kuntratturi ohra.

Illi l-azzjoni attrici saret a bazi tal-**artikolu 32 tal-Kap 13** li jipprovdi li :-

*"Il-kummercjanti ma jistghu jaghmlu uzu ta' ebda isem, marka jew sinjal distintiv li jistghu jgibu tahwid ma isem, marka jew sinjal distintiv iehor uzati skond il-ligi minn haddiehor, ukoll jekk dan l-isem, marka jew sinjal distintiv ta' haddiehor ma jkunux irregistrati skond l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta' Industrjali, lanqas ma jistghu jaghmlu uzu ta' ismijiet ta' ditti jew ta' ismijiet fittizji li jistghu jqarrqu lil haddiehor fuq il-vera importanza tad-ditta".*

Illi l-kawza odjerna titratta dwar l-uzu ta' isem ta' socjetajiet li jaghmlu l-istess xoghol bhala kuntratturi ghall-bini ta' toroq u servizzi ancillari ghall-istess, apparti xoghol relattat iehor bhal bankini, u konnessjonijiet ta' ilma u dawl ghall-korporazzjonijiet. Jirrizulta wkoll li s-socjeta' konvenuta giet irregistrata u bdiet tuza' l-isem attwali taghha wara dik tal-attrici li ilha registrata mit-8 ta' Marzu 1993 bin-numru C -

14802, mentri is-socjeta' konvenuta giet registrata bl-istess isem attwali sew wara, kif jinsab ukoll indikat min-numru ta' registrazzjoni taghha C - 17588.

Illi l-kwistjoni kollha hija jekk tali isem tas-socjeta' konvenuta jikkrejax jew jistghax jikkreja konfuzzjoni mal-isem tas-socjeta' attrici fis-suq attwali, b'dan li tant jixxiebhu li hemm possibilita' ta' konfuzzjoni bejn it-tnejn, u dan il-punt hija *"kwistjoni ta' fatt u l-gudikant ghandu jara hu stess, bhala gudizzju proprju, b'astrazzjoni anke ta' dak li dwar daqshekk jixdhu ix-xhieda jekk hemm 'deceptive resemblance"* **(Vol. XXXIX. i. 401).**

Illi fil-fatt fil-kawza **"North Cheshire Brewery Company vs Manchester Brewery Company"** Lord Halsbury sostna li:-

*"Is this name so clearly resembling the name of another firm as to be likely to deceive…. but upon the one question which Your Lordships have to decide, whether the one name is so nearly resembling the other as to be calculated to deceive, I am of opinion that no witness would be entitled to say that, and for this reason that is the very question which your Lordships have to try".*

Illi fil-fattt anke fil-gurisprudenza taghna inkluz fis-sentenza **"Gino sive John Cutajar nomine vs Kevin Caruana"** (A.C. 23 ta' Jannar 1998) gie determinat li *"l-konfuzzjoni u l-konfondibilita' li l-ligi trid tevita jridu jorroginaw u jkunu*

*relatati mar-rejazzjoni tal-'average man in the street' ta' intelligenza ordinarja, li jara, jifhem u kapaci jiddistingwi bejn kelma u ohra, bejn disinn u iehor, bejn hoss u iehor. Il-Qorti trid tkun konvinta illi kif inhuma l-fatti, l-ismijiet uzati mill-konvenut setghu jingannaw l-ghajnejn u l-widnejn tal-konsumatur u b'hekk igibu konfuzzjoni fil-konsumazzjoni".* **("A. Barbara vs G. Barbara" -** A.C. 30 ta' Gunju 1933; **"A. Mizzi *nomine* *vs* E. Frendo *nomine*"** - K. 14 ta' Novembru 1932).

Illi sabiex jigi deciz dan il-punt huwa importantissimu li jigi sottolinejat li normalment tali konkorrenza slejali tista' tezisti biss fl-ispacc tal-istess generu ta' merci jew servizzi, ghaliex altrimenti huwa difficli sabiex wiehed jikkonsidra l-ezistenza ta' tahwid b'mod oggettiv, anke jekk l-ismijiet per se jistghu johoqu konfuzzjoni, u dan ghaliex li fit-tieni ipotesi huwa difficli sabiex tara kif jista' wiehed jaffetwa lill-iehor. (**"Gino sive John Cutajar nomine vs Kevin Caruana -** A.C. 23 ta' Jannar 1998).

Illi infatti fis-sentenza **"Maria Carmela sive Marlene Mizzi *nomine* *vs* Joseph Attard *nomine*"** (A.C. 9 ta' Mejju 1997) inghad illi *"hu implicitu li dan it-tahwid irid ikun tali li jippregudika n-negozju tal-parti l-ohra li maghha tkun in konkorrenza u minn dan jitnissel il-htiega li n-negozju gestit miz-zewg konkorrenti jkun simili fin-natura tieghu, u fil-generi li jiffurmaw l-oggett tan-negozju".*

Illi fil-fatt jista' jinghad li l-iskop tad-divjet kontenut fl-**artikolu 32 tal-Kap 13** huwa dak li jigi evitat li jinholoq ambjent bejn il-varji negozji u l-oggetti tal-kummercjanti li jtendu biex jikkrejaw kreditu kummercjali mibni fuq pretensjonijiet foloz, u dan huwa applikabbli kemm ghall-oggetti tal-istess natura, kif ukoll tip ta' attivita' kummercjali kondotta mill-kontendenti.

Illi huwa ghalhekk ovvju f'ghajnejn din il-Qorti li dan il-principju japplika wkoll fil-kaz ta' rassomiljanza fl-isem ta' zewg socjetajiet kummercjali lokali bhal ma huwa il-kaz odjern, u anke jekk dawn ma humiex it-tnejn registrati Malta **("Dr. Rosario Frendo Randon *noe vs* Philip Gatt *et nomine*" -** K. 7 ta' Ottubru 1967), u dan ghaliex *"il-konkorrenza necessarjament tfisser kompetizzjoni bejn tnejn fl-istess sfera ta' attivita' fl-istess kuntest ta' zmien u spazju"* **("Avukat Dr. Pio Valletta *nomine vs* Joseph Tanti"** - A.C. 11 ta' Marzu 1992 - LXXVI. ii. 415), u ghalhekk fin-nuqqas ta' dan l-allegazzjoni ta' konkorrenza slejali ma jkollha ebda fondament sod jekk tali generi ta' attivita' jkunu ghal kollox differenti minn xulxin **("Av. Dr. Stefan Meilaq *nomine vs* Anthony Hammett *et*" -** K. F. 24 ta' Frar 1994 - LXXVIII. iii. 117).

Illi dan huwa importanti anke meta wiehed imur biex jezamina l-kliem uzat stante li huwa ovvju li ghalkemm l-uzu ta' kliem komuni fil-vokabolarju in generali ma jistghux jitqiesu il-monopolju ta' hadd, pero' wiehed irid jaghti kaz ukoll li certu kliem bl-uzu taghhom ma prodott jew attivita'

partikolari, ikunu assumew *"indikazzjoni mhux biss tal-kwalita' tal-merkanzija izda wkoll ta' l-origini taghha bhala spaccata minn determinat kummercjant, u hija maghrufa bhala tali fil-kummerc lokali, ma jistax negozjant iehor juzaha fl-istess generu tal-kummerc".*

Illi fl-ahharnett gie wkoll stabbilit li *"biex tinholoq din il-kunfuzzjoni m'hemmx bzonn li l-imitazzjoni tkun perfetta, imma huwa bizzejjed illi mill-kumpless taghha tista' tinganna lix-xerrej, fis-sens li jhallat merkanzija ta' wiehed mal-merkanzija ta' l-iehor"* **("G. Vella Zarb *nomine vs* G. Portelli *et nomine"*** - K. 30 ta' Gunju 1936).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li l-allegazzjoni dwar il-konkorrenza slejali hija bejn l-ismijiet tas-socjetajiet kontendenti wahda bl-isem ta' *"Road Servicing Limited"* u l-ohra *"General Road Services Limited",* li huma zewg socjetajiet involuti fl-istess negozju bhala kuntratturi tax-xoghol tat-toroq, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti hija konvinta minn ezami tal-kliem uzat li jikkomponu l-istess ismijiet rispettivament li tali ismijiet jistghu joholqu konfuzzjoni u tahwid lill-persuni li jkollhom bzonn tali servizz, b'mod li jidher li huwa facli li bniedem jithawwad u fejn minghalih ikun qed jittratta ma socjeta' in verita' ikun qed jittratta minflok ma' socjeta' ohra, u din il-kunfuzzjoni u tahwid hija bla ebda dubju naxxenti mill-fatt li l-ismijiet taz-zewg socjetajiet ghalkemm ma humiex perfettament identici huma hafna simili ta' xulxin.

Illi fil-fatt il-kelma *Road* hija uzata fit-tnejn, u fiz-zewgt' ismijiet hija segwita bil-kelma *"Servicing"* ghal dak li jikkoncerna s-socjeta' attrici, u bil-kelma *"Services"* ghar-rigward tas-socjeta' konvenuta, bil-konkluzzjoni tal-kelma *"Limited"* fiz-zewg kazi. Illi ghalhekk f'dawn it-tlett kelmiet l-unika differenza hija li l-kelma *Services* inbidlet ghall-*Servicing* fil-kaz tas-socjeta' konvenuta; illi apparti dan hemm il-kelma *"General",* li fil-kaz tas-socjeta' konvenuta tipprecedi it-tlett kelmiet l-ohra li jifformaw l-isem taghha.

Illi nonostante dawn id-differenzi, li gew ukoll indikati mill-konvenuti fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom, din il-Qorti xorta ssostni li tali zewg ismijiet huma simili hafna ghal xulxin u li oggettivament jistghu, u fil-fatt qed joholqu konfuzzjoni bejn iz-zewg socjetajiet, b'mod li huwa facli, mis-similarita` li tezisti bejn l-istess, li wahda tigi konfuza mal-ohra, jew li wiehed jahseb li l-istess socjetajiet huma fil-fatt socjeta' wahda. Illi dan huwa iktar accentwat meta fil-fatt l-istess isem hu deskrittiv tan-natura tax-xoghol imexxi mill-istess socjetajiet, u fil-fatt fiz-zewgt' ismijiet jirrizulta car li ghalhekk intaghzel l-istess isem, sabiex jigi proprju identifikat man-natura tax-xoghol svolt mill-istess entitajiet.

Illi pero' jirrizulta li l-ewwel socjeta' li uzat dan il-metodu sabiex tmexxi l-quddiem l-organizzazzjoni taghha kienet proprju s-socjeta' attrici, w ovvjament li bl-involviment taghha, tali isem akkwista certa fama max-xoghol li fih hija kienet involuta, tant li meta giet biex tigi registrata s-

socjeta' konvenuta fuq l-istess natura ta' xoghol, wara tali registrazzjoni ma kienitx l-ewwel darba li atti jew xoghol maghmul mis-socjeta' konvenuta gew attribwiti lis-socjeta' attrici, kif jidher mid-dokumenti esebiti in konnessjoni mal-kontijiet u korrispondenza li rceviet is-socjeta' attrici meta in verita' kienet is-socjeta' konvenuta li kienet involuta.

Illi tali provi prodotti, ghalkemm mhux hafna fin-numru bhala provi dokumentarji, (anke ghaliex s-socjeta' attrici ghall-ewwel kient biss tibghat lura l-istess korrispondenza) ukoll jikkonferma dak li din il-Qorti oggettivament u bit-tqeghid taz-zewgt' ismijiet hdejn xulxin thoss li definittivament jezisti u cioe` li z-zewgt' ismijiet tas-socjetajiet kontendenti huma simili hafna u jistghu joholqu disgwid, ghaliex dak li l-ligi tipproteggi, kif jirrizulta mill-kliem tal-istess ligi, ma huwiex il-fatt tad-disgwid jew tahlit, izda l-possibilita' li jkun jista' jinholoq tali tahwid u konfuzzjoni, u dan il-fatt johrog car hafna u b'mod naturali min-natura tal-kliem simili jekk mhux identiku uzat fl-istess zewgt' ismijiet.

Il-fatt li ingabet prova li kien hemm okkazzjonijiet fejn saret in effetti din il-kunfuzzjoni minn terzi persuni, u anke entitajiet parastatali u anke governattivi, jikkonfermaw fil-fatt dak li din il-Qorti qeghda oggettivament u b'mod astratt issostni, tant li f'din il-kawza bl-uzu taz-zewgt' ismijiet gie pruvat mhux biss li hemm possibbilita' ta' konfuzzjoni, izda wkoll li tali konfuzzjoni hija rejali, w ezistiet anke f'entitajiet li jaghmlu uzu min-natura tax-xoghol li tali socjetajiet ifornu

u anke fi proceduri ta' *tendering*; *multo magis* ikun hemm konfuzzjoni minn persuni normali li ma humiex lanqas intizi f'dan in-natura ta' xoghol, u lanqas intizi fil-persuni fisici jew morali, li jissuplixu l-istess.

Illi il-fatt li s-socjeta' konvenuta giet registrata b'tali isem nonostante il-provissjonijiet tal-**artikolu 70 (4) tal-Att XXV tal-1995** ma jfissirx lanqas li tali azzjoni ibbazata fuq l-**artikolu 32 tal-Kap 13** ma tistax tirnexxi ghaliex huwa principju ormai stabbilit, u provdut fl-istess **artikolu 32,** li tali azzjoni tezisti indipendentement minn kull registrazzjoni relattiva, u l-oggezzjoni ghar-registrazzjoni, u l-azzjoni ta' konkorrenza slejali huma zewg kawzi ghall-kollox distinti minn xulxin. **("Francis Busuttil & Sons Limited vs Paolo Bonnici Limited" -** P.A. RCP 16 ta' Novembru 1999; **"Av. Dr. Pio Valletta nomine vs Peter Muscat Scerri" -** A. K. 15 ta' Frar 1995 - LXXIX.ii. 812; **"Dr. Rene' Frendo Randon nomine vs Albert W. Salamone" -** A. K. 24 ta' April 1998; **"Dr. Stefan Meilaq nomine vs Albert W. Salamone" -** A. K. 9 ta' Jannar 1995).

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha u bil-konsegwenza tal-istess japplikaw id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 37 (1) u (2) tal-Kap 13,** fejn il-Qorti, fuq talba tal-attur, ghandha il-fakolta' li tordna *"kull rimedju iehor illi skond ic-cirkostanzi, jnehhi l-att li bih tkun saret konkorrenza mhux lecita".*

Illi dan ifisser ukoll li t-tieni w it-tielet talba attrici ghandhom ukoll jigu milqugha, u fl-ahharnett ghandha wkoll tapplika d-disposizzjoni tal-**artikolu 37 (3)** rigward penali, u tiffissa l-ammont ta' penali li ghandhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-isem li bih topera is-socjeta' konvenuta u cioe` "*General Road Services Ltd"* jikkostitwixxi ghar-ragunijiet premessi konkorrenza zlejali ghat-tenur tal-**artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc;**

2. Tinibixxi lis-socjeta' konvenuta milli topera aktar bl-isem *"General Road Services Ltd"*;

3. Tikkundanna u tordna lis-socjeta' konvenuta biex taghmel dak kollu necessarju sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' erbghin (40) gurnata mid-data ta' din is-sentenza tibdel l-isem li bih topera u li qed jikkawza konkorrenza zlejali fil-konfront tas-socjeta' attrici;

4. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici in linea ta' penali is-somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500), li qed jigu stabbiliti minn din l-Qorti ghas-saldu ta' kull pretenzjoni tas-socjeta' attrici ghad-dannu kontra s-socjeta' konvenuta minhabba din il-konkorrenza zlejali kollox skond l-**artikolu 37 (3) tal-Kap 13**.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' protest gudizzjarju, u bl-interessi legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**15 ta' Marzu 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**15 ta' Marzu 2001.**